# Malta għandha bżonn issolvi l-problema tal-kaċċa illegali

## Il-proċess tal-verifika tal-kollezzjonijiet tal-għasafar ibbalzmati għandu jkompli

BirdLife Malta qed tappella lill-Gvern ta' Malta biex jerġa' jibda l-proċess tal-verifika tal-kollezzjonijiet ta' għasafar protetti bbalzmati li kienu bbenefikaw minn żewġ amnestiji fl-imgħoddi. Bis-saħħa ta' dawn l-amnestiji li ngħataw fl-1997 u l-2003, il-kaċċaturi kienu ddikjaraw 'il fuq minn 520,000 għasfur protett ibbalzmat.

Tul il-proċess inizjali tal-verifika mmexxi minn uffiċjali tal-MEPA (fejn il-kollezzjonijiet kienu ġew fiżikament rikonċiljati mal-listi tal-għasafar iddikjarati u l-għasafar ibbalzmati ġew tagged), ħareġ ċar li ħafna kaċċaturi kienu ddikjaraw aktar għasafar minn dak li fil-fatt kellhom. Dan sar apposta minn dawk li riedu jkomplu jikkaċċjaw tajr protett wara li ngħataw l-amnestiji ħalli xorta jkunu għadhom fil-ħin li jinkludu dan it-tajr fil-listi li fuqhom ingħataw maħfra.

Il-proċess tal-verifika li matulu kienu qed jiġu tagged il-kollezzjonijiet twaqqaf madwar sitt snin ilu, madwar sena biss wara li nħolqot it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (Wild Birds Regulation Unit, WBRU). Dan ifisser li kaċċaturi li għandhom kollezzjoni mhux verifikata u joqtlu tajr protett għadhom fil-ħin biex jinkludu dan it-tajr fil-kollezzjonijiet tagħhom u ma jeħlu assolutament xejn.

Fid-dawl ta' dan, il-kaċċa illegali bdiet tiżdied, u tant saret rampanti fl-aħħar erba' snin li anke l-Kummissjoni Ewropea ġibdet l-attenzjoni tal-Gvern Malti dwar din il-kwistjoni. Fil-fatt, bejn l-2014 u l-2017 kien hemm 190 għasfur protett li ġew ikkonfermati mill-veterinarju tal-gvern bħala vittmi tal-kaċċa illegali, meta mqabbel man-numru xokkanti ta' 523 li nġabru sa issa mill-2018 lil hawn. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw biss ftit mit-total, għax kważi l-għasafar kollha li jispiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali jinġabru mill-kaċċaturi nfushom, imma jindikaw xejra drastika 'l fuq.

Il-proċess ta' verifika huwa importanti ħafna wkoll għax jirregola l-kaċċa tal-għasafar protetti, inkluż dik taħt il-Kovenzjoni CITES, minn kaċċaturi Maltin li jsiefru lejn pajjiżi oħra għall-kaċċa. Normalment dawn jiddaħħlu Malta illegalment bil-kuntrabandu fil-ħin biex jiġu inklużi fil-kollezzjonijiet mhux verifikati ta' għasafar ibbalzmati.

Minbarra ż-żieda fil-kaċċa illegali ta' tajr protett, il-lakuna li nħolqot meta twaqqaf il-proċess ta' verifika instigat ukoll il-kummerċ illegali tal-flora u l-fawna selvaġġa f'Malta kemm minn barra l-pajjiż kif ukoll lokalment. Kaċċaturi illegali qed jagħmlu flus kbar mill-bejgħ ta' għasafar protetti maqtula lil dawk li għad għandhom il-kollezzjonijiet mhux verifikati, u għalhekk għadhom fil-ħin li jżiduhom mal-kollezzjoni tagħhom. Dan it-tip ta' kummerċ mhuwiex biss illegali taħt id-Direttiva Ewropea tal-Għasafar imma anke taħt ir-regolamenti tal-UE dwar il-Kummerċ ta' Flora u Fawna Selvaġġi.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Malta għandha responsabbiltà li ssolvi l-problema tal-kaċċa illegali ta' għasafar protetti. Waqt li l-infurzar jibqa' kruċjali, huwa wkoll kruċjali li jitkompla l-proċess ta' verifika minn tim ta' esperti li jeżisti diġà fi ħdan il-Gvern. Il-Prim Ministru u l-Kabinett tiegħu għandhom jifhmu li l-uniċi nies li qed igawdu minn dan id-dewmien huma dawk li jiksru l-liġi."

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Holoq utli: https://bit.ly/2YfkXiN**

- Stqarrija tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar ħidma konġunta mal-pulizija li matulha ġew konfiskati mijiet ta' għasafar protetti internazzjonalment

**Mehmuż:**

- Tqabbil bejn l-aħħar erba' snin u l-perjodu tal-erba' snin ta' qabel (2018-2021 vs 2014-2017) li juri kif il-kaċċa illegali saret rampanti

**Ritratt:**

- Konfiska ta' għasafar ibbalzmati illegalment